

tal-Kunsill 2005/370/KE tas-17 ta' Frar 2005, l-Artikolu 10a tad-Direttiva 85/337/KEE kif emendata mid-Direttiva 2003/35/KE, għandu jiġi interpretat fis-sens li jimponi fuq l-Istati Membri l-obbligu li jipprovdu għall-possibbiltà ta' stħarriġ quddiem qorti jew korp ieħor indipendenti u imparzjali stabbilit bil-liġi sabiex tkun tista' tiġi kkonstata l-legalità ta' deċiżjonijiet, ta' atti jew ommissjonijiet għal kull kwistjoni ta' mertu jew ta' proċedura relatata kemm mas-sistema sostanzjali, kif ukoll mas-sistema proċedurali għall-awtorizzazzjoni ta' proġetti li jhejtiegħu stima tal-effetti?

- (1) Direttiva tal-Kunsill 85/337/CEE tas-27 ta' Ġunju 1985 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU L 175, p. 40).
- (2) Direttiva tal-Kunsill 97/11/KE tat-3 ta' Marzu 1997 li temenda d-Direttiva 85/337/KEE dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU L 73, p. 5).
- (3) Direttiva 2003/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 li tipprovdi għall-parteċipazzjoni pubblika rigward it-fassil ta' ċerti pjani u programmi li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/337/KEE u 96/61/KE rigward il-parteċipazzjoni pubblika u l-aċċess għall-ġustizzja — Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni (ĠU L 156, p. 17).
- (4) Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/370/KE tas-17 ta' Frar 2005 dwar il-konklużjoni, fisem il-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-tehdid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali (ĠU L 124, p. 1).

Rikors ippreżentat fis-6 ta' April 2009 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Renju tal-Belġju

(Kawża C-132/09)

(2009/C 153/39)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: B. Eggers u J.-P. Keppenne, aġenti)

Konvenut: Ir-Renju tal-Belġju

Talbiet

— tikkonstata li, billi rrifjuta r-responsabbiltà finanzjarja għall-ispejjeż ta' tagħmir u materjal didattiku għall-Iskejjel Ewropej, ir-Renju tal-Belġju naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt il-Ftehim dwar is-Sede tal-1962, moqri flimkien mal-Artikolu 10 KE;

— tikkundanna lir-Renju tal-Belġju għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Il-Kummissjoni tesponi ksur tal-Ftehim konkluż, f'Ottubru 1962, bejn il-Bord tal-Gvernaturi tal-Iskejjel Ewropej u r-Renju tal-Belġju, marbut mar-rifjut ta' dan tal-aħħar li jħallas l-ispejjeż ta' tagħmir u materjal didattiku tal-Iskejjel Ewropej stabbiliti fit-territorju tiegħu.

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti ssostni, fl-ewwel lok, li mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni li tiddefinixxi l-istatut tal-Iskejjel Ewropej, tal-21 ta' Ġunju 1994⁽¹⁾, jirriżulta

li kull Stat Membru għandu jittratta l-Iskejjel Ewropej bħala stabbiliment edukattiv irregolat mid-dritt pubbliku nazzjonali tiegħu. Konsegwentement, l-Iskejjel Ewropej għandhom jiġu ffinanzjati mill-awtoritajiet pubbliċi Belġjani u għandhom jiġi ttrattati bl-istess mod bħall-iskejjel pubbliċi nazzjonali, kemm għal dak li jikkonċerna t-tagħmir inizjali, marbut mal-ftuħ jew mat-tkabbir ta' Skola Ewropea, kif ukoll għal dak li jikkonċerna l-ispejjeż annwali ta' manutenzjoni u ta' tħaddim ta' dawn l-iskejjel. It-trasferiment, fil-Belġju, tal-kompetenza fil-qasam tat-tagħlim, lill-komunitajiet reġjonali, ma jistax, f'dan ir-rigward, jiġġustifika rifjut li jiġu ffinanzjati l-ispejjeż annwali ta' tħaddim tal-Iskejjel Ewropej mill-awtoritajiet Belġjani, peress li minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li Stat Membru ma jistax jevita l-obbligi li huwa jkun assumu billi jiddelega l-eżerċizzju ta' din il-kompetenza lil entitajiet pubbliċi infrastatali.

Bħala risposta għall-oġġezzjonijiet imqajma mill-awtoritajiet Belġjani, il-Kummissjoni tirrileva, fit-tieni lok, li l-konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Bord tal-Gvernaturi, miżmuma f'Karlsruhe f'Mejju 1967, b'ebda mod ma jqiegħdu inkwistjoni l-obbligi ta' finanzjament imposti fuq dan l-Istat bħala Stat fejn għandhom is-sede dawn l-iskejjel.

L-ewwel nett, il-Bord tal-Gvernaturi, f'Karlsruhe, abbozza biss linji gwida għal mudell standard ta' ftehim mal-Istati Membri li huma s-sede tal-Iskejjel Ewropej u, f'kull każ, dan m'għandu ebda kompetenza, fid-dawl tal-ġerarkija tar-regoli, sabiex jemenda l-Ftehim dwar is-Sede tal-1962.

It-tieni nett, din id-"deċiżjoni" ta' Karlsruhe b'ebda mod ma tista' tiġi interpretata bħala "ftehim jew Prattika ulterjuri tal-partijiet" [traduzzjoni mhux uffiċjali], fis-sens tal-Artikolu 31(3)(a) u (b) tal-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar id-dritt tat-Trattati, fir-rigward tal-interpretazzjoni li għandha tingħata lill-Ftehim dwar is-Sede, fin-nuqqas ta' atti jew dikjarazzjonijiet kostanti suċċessivi li jqiegħdu inkwistjoni l-obbligu ta' finanzjament previst mill-Ftehim dwar is-Sede. Diversi dokumenti u finanzjamenti mwettqa mill-Belġju wara l-1967 jikkonstataw, barra minn hekk, dan l-obbligu ta' ħlas tal-ispejjeż ta' tagħmir u ta' materjal didattiku għall-Iskejjel Ewropej.

⁽¹⁾ ĠU L 212, p.3

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Fővárosi Bíróság (l-Ungerija) fit-8 ta' April 2009 — József Uzonyi vs Mezőgazdasági és Vidékfejlesztési Hivatal Központi Szerve

(Kawża C-133/09)

(2009/C 153/40)

Lingwa tal-kawża: L-Ungeriż

Qorti tar-rinviju

Fővárosi Bíróság (l-Ungerija)

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: József Uzonyi

Konvenuta: Mezőgazdasági és Vidékfejlesztési Hivatal Központi Szerve